# Pietro Gagliardi



## Il-Pittur tal-Kwadru Titulari ta' San Gejtanu fil-Ħamrun ...

*minn Silvio Cassar*

**Pietro Gagliardi twieled fis-sena 1809 ġewwa Ruma. Studja l-arti f'waħda mill-aktar skejjel prestiġġjużi tal-arti fl-Italja, l-Accademia di San Luca f'Ruma.**

Il-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun hija ffortunata li hija mżejna bil-kwadru titulari ta' San Gejtanu mill-idejn ta' dan l-artist bravu Taljan Pietro Gagliardi. Gagliardi beda jikseb popolarità ġewwa Ruma bix-xogħlijiet li beda jagħmel. Ġara li f'Malta mal-mewt tal-pittur Giuseppe Hyzler (1773-1858) kien hawn vojt kbir għal xogħlijiet artistiċi. Saħansitra anke l-Kapitlu tal-Katidral beda jfittex artist barrani għall-pittura tal-koppla.



*Pietro Gagliardi*

Mons. Paolo Pullicino (1815-1890), awtorità fil-qasam tal-Arti Sagra f'dik l-epoka, kellu kuntatti personali u spiss kien imur Ruma fejn kien jaħdem Gagliardi. Filfatt l-ewwel xogħlijiet ta' Gagliardi f'pajjiżna kienu għal membri ewlenin tal-Kleru Malti fosthom l-Isqof Malti ta' dak iż-żmien Mons. Gaetano Pace Forno (1809-1874) u ma setax jonqos lejn l-istess Mons. Pullicino.

Allura l-imħabba u l-ġibda lejn il-qaddis ta' isem l-Isqof Gaetano Pace Forno, daħlet fil-pittur u nsibu li fl-1882, Poalo Gagliardi ġie kkummissjonat jagħmel ix-xogħol tal-kwadru titulari ta' San Gejtanu għall-Paroċċa tal-Ħamrun.



*Il-Madonna tad-Duluri fil-Ħamrun*



*Il-Madonna Patruna ta' Malta fl-Imdina*



*Il-Kwadru Titulari tal-Lunzjata f'Ħal Tarxien*



*Il-Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Franġiskani Konventwali fil-Belt*

Wettaq xogħol mill-isbaħ li fih juri l-mument importanti fil-ħajja ta' San Gejtanu li seħħ Lejliet il-Milied tal-1517, meta San Gejtanu rċieva lil Ġesù Bambin fi ħdanu mingħand Marija. Hawn Gagliardi b'ilwien mill-aktar vivaċi li jsaħħu l-imħuħ, jippreżentalna xena mill-aqwa li fl-istess ħin tirrakontalek fatt mill-ħajja ta' San Gejtanu, il-Qaddis tal-Providenza. Fil-kwadru nnifsu tidher it-trankwillità fil-personaġġi ta' San Gejtanu, Marija u Ġesù Bambin. Fl-istess Knisja nsibu kwadru ieħor attribwit lil Gagliardi li hu l-kwadru ta' Marija Addolorata.



Pietro Gagliardi ta spinta lejn kwadri 'puristi' fil-Knejjes Maltin. Dawn qajmu sens ieħor artistiku mill-aktar reliġjuż permezz ta' dan l-istil li beda jiġi wżat. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu żewġ kwadri fis-sena 1874 fil-Knisja Parrokkjali u Arċimatriċi ta' Ħal Tarxien jiġifieri l-kwadru titulari tal-Lunzjata u s-sotto-kwadru tal-Madonna tad-Duttrina.

U xi ngħidu għax-xogħlijiet li nsibu fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina fejn fosthom jispikka l-kwadru magħruf bħala tal-Madonna Patruna ta' Malta u tal-Anġlu Kustodju? Kwadri oħrajn huma dak ta' Marija Mtellgħa s-Sema u tal-Karmnu fil-Matriċi tal-Gudja li saru bejn is-snin 1879 u l-1880, San Ġużepp u San Franġisk t'Assisi fil-Knisja tal-Franġiskani Minuri tar-Rabat ta' Malta li sar fis-sena 1884, San Ġużepp f'Tal-Agostinjani fil-Belt Valletta u fil-Parroċċa tan-Naxxar u l-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Furjana. Knisja oħra li tgawdi opri ta' Gagliardi hija l-Knisja tal-Franġiskani Konventwali magħrufa ta' Putirjal fejn insibu kwadru tal-Kunċizzjoni li sar fis-sena 1884.

Gagliardi jibqa' mfakkar għall-kwadri Marjani. Fil-fatt hawn min isibu bħala Il Madonnaro, għall-uċuħ grazzjużi tal-Madonna, kif ukoll għall-figuri mimlija ħlewwa bla qies ta' Marija. Hu miet fl-età ta' 81 sena fl-1890.